MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 11 ta' Lulju 2019**
**(Distrett Bormla)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Marjan Lee Pantalleresco (ID: 349098M)**
**Frances Pantalleresco (ID: 707155M)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Marjan Lee Pantalleresco u Frances Pantalleresco** talli nhar l-20 ta' Awwissu, 2018, fil-hin ta' bejn il-05:15hrs u l-05:45hrs gewwa Bormla:

1. Talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunaw offiza gravi fuq il-persuna ta' Jean Claude Vella kif gie ccertifikat minn Dr. Winston Bartolo Med Reg 3550, liema griehi ghandhom konsegwenzi ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, liema feriti gew ikkagunati meta kellhom fil-pussess assolut taghhom kelb tar-razza American Pitbull;

2. Talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunaw offiza gravi fuq il-persuna ta' Jean Claude Vella kif gie ccertifikat minn Dr. Winston Bartolo Med Reg 3550 tal-Isptar Mater Dei, liema feriti gew

ikkagunati meta kellhom fil-pussess assolut taghhom kelb tar-razza American Pitbull;

3. Talli bhala persuni li kellhom xi kelb taht il-kontroll taghhom, hallew lil dan il-kelb jiggerra f'xi triq jew f'post pubbliku iehor, minghajr ma kellhom kontroll tieghu jew minghajr ma zammewh b'cinga;

4. Talli bhala sidien jew detenturi ta' kelb li kien perikoluz ghan-nies, naqsu li jzommu l-kelb taht kontroll;

5. Talli hallew kelb jiggerra, liema kelb kien taht il-kontroll taghhom;

6. Talli bhala persuni li jafu jew jissuspettaw li l-kelb li kien taht il-kontroll taghhom kien temperament tali jew perikolu jew setghu jweggghu lil xi persuna, kellhom jaraw li l-kelb tintlibislu sarima f'kull hin f'kull post pubbliku;

7. Talli zammew kelb tal-età ta' sitt xhur jew izjed minghajr licenzja mahruga skont l-Att dwar il-klieb.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 14 (1) u (3) tal-Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tordna d-distruzzjoni tal-imsemmi kelb.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lil Marjan Lee Pantalleresco u lil Frances Pantalleresco sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Semghet lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u lill-imputati;

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati jinsabu akkuzati dwar incident li sehh fl-20 ta' Awwissu 2018 gewwa Bormla fejn il-minuri Jean Claude Vella safa allegatament attakkat minn kelb tar-razza American Pitbull u sofra griehi gravi.

Minn dak li xehed **Jean Claude Vella** jirrizulta illi dakinhar tal-incident huwa kien qam kmieni biex imur ma' missieru gewwa *confectionery* li kellu Bormla. Meta waslu ra kaxxa taz-zibel b'xi kaxxi tal-butir u qal lil missieru li kien sejjer

jarmiha fejn jingabar iz-zibel biex eventwalment jingabar mit-trakk tal-iskart. Malli pogga l-kaxxa mal-art ra kelb gej irrankat ghalih mid-direzzjoni tal-*flats* tal-Gvern, liema kelb kien ta' kulur kannella car. Il-kelb hataflu siequ l-ewwel il-leminija u mbaghad ix-xellugija. Hu beda jghajjat lil missieru meta fil-hin giet mara u pprova jaqbad mal-flokk taghha biex iqum però ma setax iqum. Sussegwentement intilef minn sensih. Jispjega li lill-mara li marret hdejh kien jafha minn wiccha u kien jaf li toqghod fil-*flats* li minnhom hareg il-kelb. Il-kelb stqarr li kien tar-razza American Pitbull.

**Dr. Luke Verzin**, veterinarju mad-Dipartiment tal-Animal Welfare, spjega illi wara dan l-incident huwa gie mghajjat l-Ghassa ta' Bormla biex jaqra c-cippa tal-kelb, liema kelb irrizulta li kien iccipjat. Sussegwentement ghamel ukoll ezami dwar l-aggressività tal-kelb inkwistjoni li ta rizultat li l-kelb ma deherx aggressiv, anzi li kien bezghan minnu. Jispjega li però fil-hin tal-ezami, il-kelb kien bic-cinga.

**Leon Barbara** spjega illi xi zmien qabel kien ta kelb tar-razza American Pitbull lill-imputat però l-imputat kien dam ftit biex qalbu fuqu. Jispjega li meta ta l-kelb lill-imputat kien qallu biex ma jafdahx ma' annimali ohra. Jispjega li man-nies qatt ma kellu problemi bih però kien jaghmel ghall-qtates u ghal klieb ohra.

**L-imputat Marjan Lee Pantalleresco** spjega illi fid-data tal-incident huwa kellu kelb ippastardjat bejn Labrador u American Pitbull. L-imsemmi kelb kien ilu ghandu ftit iktar minn sena u kien gabu minghand habib tieghu Leon Barbara. Jispjega li dakinhar tal-incident huwa dahal id-dar fis-sitta ta' filghodu, raqad, u sussegwentement marru l-Pulizija biex ikellmuh. Jispjega li la ommu u lanqas missieru ma qalulu xejn meta kien wasal id-dar. Jispjega li l-kelb inkwistjoni mans u sahansitra anke jorqod hdejn it-tifla tieghu. Jispjega li meta johorgu barra l-kelb jibqa' dejjem hdejh. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx ilibbislu sarima meta johrog bih, l-imputat spjega li kien ilibbishielu naqra però kien konvint li l-kelb zgur mhu se jaghmel xejn. Jispjega li minn wara l-incident beda jlibbislu s-sarima ghax ma baqax jissogra.

In kontro-ezami jispjega li meta dahal id-dar fis-sitta ta' filghodu ommu kienet se tibda tkellmu però hu kien ghajjien u ma tax kas u mar jorqod. L-imputat ikkonferma li l-kelb huwa tieghu u li wara li gew mghajta l-Ghassa, ommu kienet qaltlu li l-kelb kien harbilha. Madankollu iktar tard jghid li ommu hargitu ghax kellu bzonn jaghmel il-bzonnijiet tieghu.

**L-imputata Frances Pantalleresco** xehdet illi hija ma tiftakar xejn ghax stqarret li saret tinsa hafna. Però wara li l-Qorti staqsietha jekk hi b'mod generali ma tiftakar xejn mill-passat taghha, stqarret illi l-kelb harbilha imma li ma taf xejn

x'gara u ma garax.  Però wara ftakret li l-kelb beda jinbah biex johrog biex jaghmel il-bzonnijiet tieghu.  Tispjega li fethet il-bieb u skappalha.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi mismugha jirrizulta car illi fil-gurnata u post inkwistjoni, Jean Claude Vella safa attakkat minn kelb, liema kelb Vella gharaf bhala dak li tieghu gew esebiti ritratti in atti u li dehru fuq il-pagna ta' Facebook tal-imputat Marjan Lee Pantalleresco.

Illi mill-kostatazzjonijiet li ghamel l-espert nominat minn din il-Qorti Dr. Mario Scerri jirrizulta illi l-feriti sofferti minn Jean Claude Vella huma gravi *per durata* u se jibqghu marka permanenti.

Mill-provi mismugha jirrizulta wkoll illi l-istess kelb, fil-hin tal-incident, kien fil-kustodja tal-imputata Frances Pantalleresco. Jirrizulta wkoll illi l-istess kelb kellu bzonn jaghmel il-bzonnijiet tieghu.  L-imputata tghid li harbilha meta fethet il-bieb ta' barra. Illi jirrizulta car illi kien hemm negligenza daparti ta' Frances Pantalleresco ghaliex messha qabel fethet il-bieb ta' barra hija assigurat ruhha li l-kelb kien fuq ic-cinga.  Hemm ir-responsabbilità wkoll ta' sid il-kelb, liema prova giet ammessa mill-imputat Marjan Lee Pantalleseco nnifsu.

Illi mir-ritratti esebiti tal-feriti li garrab Jean Claude Vella jirrizulta illi l-imputata Frances Pantalleresco ma kinitx tempestiva meta harbilha l-kelb ghaliex forsi kieku ma kienx jaghmel dik l-istragi li hemm fuq saqajn Vella.  Il-Qorti ma tistax ma tikkumentax lanqas fuq l-attitudini ta' Marjan Lee Pantalleresco li meta dahal id-dar fis-sitta ta' filghodu u ommu kienet se ttarraflu x'gara u ma garax dan ghazel li jmur jorqod.

Il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid hekk:

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: **so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable**".*[1]

U fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

[1] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67

*"... kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".*

Jezistu forom differenti ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, jew regolamenti.

L-imprudenza tekwivali ghal *"un atto inconsiderato e rischioso"* maghmul b' *"leggerezza"* jew *"sconsideratezza"*[2] u kif jghid **Antolisei**, *"L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui".*[3]

U kif insibu fin-**Novissimo Digesto Italiano**, "*Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positive dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela.*"[4] Bl-istess mod, fissentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, fuq citata inghad illi *"L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli".*

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, filwaqt illi "*l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-**Manzini**: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto*".[5]

Skont l-imsemmija sentenza, "*Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal nonosservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni.*" Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn.

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** jghid illi "*The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation*

---

[2] Dizionario Zingarelli, (2002) "Vocabolario della Lingua Italiana", Nicola Zingarelli (Edizzjoni 12 ta' Gunju 2001)
[3] Antolisei F., "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre` 2000), p. 366
[4] Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548
[5] **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg** fuq citata

*to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" ... What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (**Carrara,** Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.*"[6]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mustafa Gohar** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Novembru 2004 sar studju *in funditus* dwar l-elementi kostituttivi tar-reat previst bl-artiklu 225 tal-Kodici Kriminali intqal:

*"Kif spjiega l-gurista taljan **Francesco Antolisei**, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenzateknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bilghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo, jkompli dan l-awtur, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi" [Antolisei, F.,*

[6] Lectures in Criminal Law (First Year), p.71

*Manuale Di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre'(Milano), 1989, pp.322-323].*
*"Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem 'nuqqas ta' hsieb', 'traskuragni', u 'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni', filwaqt li dawk r-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem 'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti'.*

*Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghall-legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll ghal dawk r-regolamenti promulgati minn enti privati (perez. r-regolamenti imfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik l-fabbrika).*

*In fatti kemm fil-**Codice Zanardelli** kif wkoll fil-**Codice Rocco**, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline." Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke f'kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, trasskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament impurdenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawk l-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarju tal-hajja, izda wkoll minn jittraskura li josserva dawk ilprekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita."*

U dik l-Qorti f'dik il-kawza kompliet hekk:

"*Kif jispjiega l-gurista **Francesco Carfora** (Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775) jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika cert non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero l-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet wkoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva ndiretta.*

……Id-definizzjoni tal-**Crivellari** fil-***Codice Penale - Vol III*** hi bazata fuq l-istess postulati u hi din:

"*la colpa e la voluntarieta mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto.*" (pagna 228, para. 32.).

Meta si tratta ta' colpa huwa importanti li jigu ppruvat in-*nexus* li ghandu jezisti bejn l-att w r-risultat sabiex l-att jista jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta *chain of causation* bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista jirrizulta culpa. Kif gie ***deciz nhar ssbatax ta' Mejju, 1948*** fis-sentenza **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri per *Imhallef Harding*** li "*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist.*"

Fil-fatt ikompli jghid:
"*The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations.*"

Fil-fatt **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commentario al Codice Penale Italiano (Vol III, 1622, pg. 286)*** jghid:
"*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita.*"

Ghalhekk sabiex tirrizulta l-culpa, din il-Qorti trid tassigura ruhha li jezisti ness bejn xi att attribwibbli lill-imputati u r-rizultat, u cioè bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti.

Kif gia gie accennat iktar 'il fuq, iz-zewg imputati kienu fid-dover li jaraw li l-kelb ikun fuq cinga meta jinhareg barra. Il-Qorti ma temminx illi l-kelb harab lill-imputata Frances Pantalleresco. Hija temmen illi l-imputata fethitlu l-bieb biex jaghmel il-bzonnijiet tieghu u jerga' lura lejn id-dar. L-ghaqal jitlob li min ikun fil-pussess ta' kelb u jkun ha johorgu jaghmel il-bzonnijiet tieghu, l-ewwel ikun zgur li l-kelb tlibbes ic-cinga u mbaghad jiftah il-bieb. F'dan il-kaz ma garax hekk.

Dwar il-perikolozità tal-kelb ma hemmx bzonn ta' hafna dibattitu. Huwa evidenti li l-kelb huwa wiehed perikoluz ghaliex kieku ma kienx jaghmel l-isfregju li ghamel fuq Vella. Di fatti, l-espert forensiku Dr. Mario Scerri ikklassifika l-feriti fuq il-vittma bhala "gravi *per durata"*. Filwaqt li l-Qorti hadet konjizzjoni tax-xhieda ta' Dr. Luke Verzin, l-istess Qorti tirrimarka illi t-testijiet li saru fuq il-kelb in kwistjoni saru meta l-istess kelb kien fuq ic-cinga u kontrollat mill-imputat. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni illi fil-gurnata tal-incident il-kelb b'xi mod ma ghamilx dak li gie rraportat mill-vittma. Min-naha l-ohra l-imputati bl-

beda mod ma rnexxilhom jippruvaw fuq bazi ta' probabilita` illi kien hemm xi fatt estraneju li wassal sabiex il-kelb jirreagixxi kif irreagixxa. Pero` anke kieku stess, ghall-grazzja tal-argument, kien hemm xi cirkostanza li pprovokat lill-kelb in kwisjtoni, xorta wahda min kien qieghed jiehu hsiebu ma messu qatt hallih jigri barra minghajr cinga.

Illi ghalhekk l-ewwel sitt imputazzjonijiet jirrizultaw ippruvati.

Illi permezz tas-seba' imputazzjoni, l-imputati jinsabu akkuzati li zammew kelb tal-età ta' sitt xhur jew izjed minghajr licenzja ai termini tal-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ai termini tal-imsemmi artikolu mhuwiex biss sid il-kelb li ghandu l-obbligu li jkollu licenzja biex izomm kelb izda wkoll *"kull persuna li fil-kustodja jew fil-pussess tagħha, jew li fid-dar jew fil-post tagħha, jinsab xi kelb bħal dak, titqies li tkun il-persuna li żżomm dak il-kelb."* Kwindi mhuwiex biss Marjan Lee Pantalleresco li jista' jinstab hati ta' dan ir-reat, izda ommu wkoll stante li kellha fil-kustodja taghha l-imsemmi kelb.

Illi l-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea fic-cirkostanzi. Min-naha l-wahda l-Qorti ghandha quddiemha tifel ta' erbatax-il sena li, flimkien mal-familja tieghu, ghadda u ghadu ghaddej minn esperjenza kerha tant li anke affetwatu psikologikament. L-ebda ammont ta' piena ma tista' taghmel tajjeb ghal din il-hsara. Min-naha l-ohra l-Qorti kellha quddiemha zewg imputati li ftit li xejn urew xi soghba jew dispjacir ghal dak li l-kelb taghhom ikkaguna lil tifel li kull ma kien qieghed jaghmel kien li jghin lil missieru.

Illi filwaqt li l-annimali huma sbieh u jzommu kumpanija, daqstant iehor jistghu joffru periklu jekk min hu responsabbli taghhom ma jihux hsiebhom kif suppost. Illi mhix skuza li dan il-kelb dejjem gab ruhu sew man-nies meta kien jinhareg barra, ad eccezzjoni ta' inkontri ma' annimali ohra. Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi ghandha tghaddi messagg car illi jekk wiehed jaghzel li jrabbi kelb, jew kwalunkwe annimal iehor, irid ikun responsabbli ghal ghemilu f'kull hin tal-gurnata u fi kwalunkwe post li jista' jkun.

Illi wara li l-Qorti qieset l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali, tirrileva illi l-piena ghall-iktar delitt gravi mwettaq mill-imputati huwa dak ta' ai termini tal-artikolu 226 (1) (a) tal-Kodici Kriminali punit b'piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75). Il-Qorti hija tal-fehma illi l-iktar piena idoneja fic-cirkostanzi partikolari hija dik karcerarja anke jekk it-terminu li se jinghata huwa wiehed minimu. Din il-piena tirrifletti kemm ir-responsabbilita` tal-imputati ghal dan l-incident u wkoll it-tbatija li sofra u ghadu jsofri Jean Claude Vella kagun tan-nuqqasijiet tal-imputati.

Ai termini tal-artikolu 14 (1) tal-Kapitolu 312, il-Prosekuzzjoni talbet li l-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-kelb inkwistjoni. Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sergio Farrugia (Qorti ta' l-Appell Kriminali, 19 ta' Ottubru 2006)** u **Il-Pulizija vs Stephen Degabriele (Qorti ta' l-Appell 31 ta' Lulju 2008)** fejn minflok id-distruzzjoni tal-kelb in ezami, dik il-Qorti ordnat li l-kelb jinzamm ghal dejjem f'santwarju tal-annimali. Illi din il-Qorti taqbel mal-mod kif giet trattata l-kwistjoni minflok id-distruzzjoni tal-kelb f'dawn il-kawzi u ghalhekk se tkun qieghda timxi fuq linji simili.

**DECIDE**

**Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat artikoli 17, 216, 218 u 226, tal-Kodici Kriminali, artikolu 3 tal-Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 3 (1) u (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 312.01, tiddikjara lill-imputati Marjan Lee Pantalleresco u Frances Pantalleresco hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront taghhom, bit-tieni imputazzjoni kompriza u nvoluta fl-ewwel imputazzjoni, u tikkundannahom ghal hmistax-il (15) gurnata prigunerija kull wiehed.**

**In oltre l-Qorti tordna li l-kelb inkwistjoni bil-*microchip* numru 900182000134368 jinzamm b'mod permanenti mid-Dipartiment ghall-Harsien tal-Annimali jew f'xi santwarju tal-klieb hekk kif l-istess Dipartiment jista' jiddeciedi b'dana li taht ebda cirkostanza ma ghandu jigi ritornat, konsenjat jew rilaxxjat lil u/jew fil-pussess tal-imputati jew ta' xi terzi ohrajn. Il-Pulizija Ezekuttiva, bl-ghajnuna ta' ufficjali tad-Dipartiment tal-Harsien tal-Annimali, ghandhom jesegwixxu din l-ordni minnufih ai termini tal-artikolu 18 tal-Kapitolu 312 u artikolu 321 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta. Jekk il-hatja jonqsu li jikkonsenjaw il-kelb inkwistjoni lill-awtoritajiet hawn fuq imsemmija minnufih, huma jehlu piena ta' ammenda ta' ghaxar ewro (€10) kull wiehed kuljum ghal kull gurnata wara li jaghlaq iz-zmien hawn fuq imsemmi.**

Finalment, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti qieghda tikkundanna lill-imputati *in solidum* bejniethom sabiex fi zmien xahrejn ihallsu l-ispejjez tal-espert nominat Dr. Mario Scerri fl-ammont ta' tliet mija u hamsa u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€325.40).

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur